# L-Istatwa Titulari ta'
# Santa Katerina taż-Żejtun

**Din l-istatwa ta' l-injam inħadmet mill-iskultur Andrea Imbrogl fl-1758. Dan tħabbar dan l-aħħar wara li s-Sur Sandro Debono ħabbar l-istorja tal-kuntratt għal din l-istatwa li sar fil-21 ta' Awissu, 1757 għand in-Nutar Bartolo Gabriele bejn il-prokuratur ir-Rev. Giuseppe Darmanin u l-iskultur.**

Dan il-kuntratt jistabilixxi b'mod ċar:

1. li l-istatwa tiġi skolpita fl-injam (*legname di punente*);
2. li l-istatwa tirrappreżenta lil Santa Katerina qed tippriedka;
3. it-tul tagħha jkun ta' seba' palmi fuq tmienja (altezza di palmi sette in atto);
4. tkun lesta sa Santa Marija tas-sena 1758;
5. qabel jinbeda x-xogħol jiġi approvat abbozz;
6. il-ħlas kien ta' mija u erbgħin skud li erbgħin minnhom tħallsu mal-kuntratt. Il-ħlas tal-mitt skud sar fis-17 ta' Novembru, ta' l-1758 u l-vara l-ġdida żżanżnet għall-festa ta' l-1760. Fl-1796 kien sar l-ewwel restawr ħafif għal xi ħsarat żgħar.



*Ritratt ta' l-istawa qabel ir-restawr ta' l-1929.*



*Fażi mill-aħħar restawr ta' l-istatwa*

## It-Tieni Restawr

Fl-1880 Mons. Arċisqof Carmelo Scicluna għamel viżta pastorali fiż-Żejtun u laqa' t-talba sabiex il-vara titulari tiġi rrestawrata. Dun Lawrenz Degarbiele, li wara laħaq arċipriet taż-Żejtun, kien prokuratur u beda ġabra għall-ispejjez tar-restawr. Dan sar tul is-sena 1882 u sewa 420 skud.

## It-Tielet Restawr

Fl-1929 sar restawr ieħor. Din id-darba sar intervent qawwi għaliex:

1. inbidlet il-pożizzjoni tar-ras;
2. ix-xagħar li kien miġbur forma ta' toppu tniżżel għal fuq u madwar l-għonq;
3. inbidlet il-vestwarju iżda ż-żieda l-ġdida saret kollha mill-injam.

Dan ix-xogħol kollu kien f'idejn il-pittur żgħażugħ Giuseppi Caruana. Jgħinuh fix-xogħol ta' skultura kellu lil Giuseppi Baldacchino u Antonio Agius. L-Induratura saret minn Francesco Coleiro tal-Belt.



*Il-Pittur G. Caruana.*

Meta ngiebet lura fiż-Żejtun il-laqgħa miż-Żwieten saret darbtejn – l-ewwel madwar ir-raħal ta' fuq u wara madwar ir-raħal ta' isfel. (ara artiklu paġna 56)

## Ir-Raba' Restawr

Wara sebgħa u sebgħin sena deher ċar li l-istatwa titulari kif ukoll il-pedestall kienu waslu għal restawr ieħor. Iż-żmien u l-medda twila ta' snin kienu għamlu tagħhom. Hekk ġie deċiż li għall-okkażjoni taċ-ċentinarju l-istatwa kollha tieħu d-dehra oriġinali u friska, ta' l-1924. Dan ir-restawr sar għand Horace Farrugia ta' l-Imdina. Ix-xogħol tal-pinzell sar mill-pittur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Hekk din is-sena ż-Żwieten reġgħu laqgħu lura l-vara titulari tant għażiża tal-patruna tagħna Santa Katerina V.M.

Din id-darba l-istatwa nġiebet lura s-Sibt 4 ta' Ġunju u ddawret minn ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Ħneina sar-raħal ta' isfel, għal Triq Santu Wistin, Triq San Girgor, il-Ħerba, Misraħ G. Bonici sal-Parroċċa.